


# IL-MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA

## (L-ewwel parti)

Kif wigħedtkom fl-aħħar ħarġa ta" "Il-Ħajja f'Għawdex", issa ser nibdew sensiela ġdida li titratta żjarat lill-mużewjiet tal-Gżira Għawdxija. L-ewwel mawra tagħna ser tkun appuntu lill-Muzew tal-Arkeoloġija li jinsab fuq il-lemin hekk kif tidħol mill-mina ż-żgħira, li kienet id-daħla oriġinali taċ-Ċittadella. Din id-dar tas-seklu sbatax, qabel ġiet irranġata biex tintuża bħala mużew, kienet magħrufa bħala **Casa Bondì**, għal isem is-sidien tagħha. F'Settembru tas-sena 1937, Sir Harry Luke, li dak iż-żmien kien *Lieutenant Governor* tal-Gżejjer Maltin, fi żmien meta l-Arċipielgu Malti kien kolonja Ingliża, beda jirrestawra din id-dar. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kienet użata bħala *Officers' Mess*. Kien fit-30 ta' Mejju tal-1960 li din id-dar kienet inawgurata bħala l-Mużew ta' Għawdex. Oriġinarjament, din id-dar ġiet mibnija biex isservi ta' uffiċċju u post għal-laqgħat tal-Ġurati ta' Għawdex. Jingħad ukoll li meta l-Inkiżitur kien iżur lil Għawdex, kien joqgħod f'din id-dar. Il-kmamar kollha huma mdawrin ma' bitħa ċentrali li fiha jinsab it-taraġ li jwasslek għas-sular ta' fuq. Illum din il-bitħa hija mgħottija. Ta' min jinnota tajjeb il-gallarija li qegħda fuq il-bieb tan-nofs, li hija maħduma b'sengħa kbira.



**Il-faċċata ta' Casa Bondì, fejn jinsab il-Mużew tal-Arkeoloġija**

Il-Mużew tal-Arkeoloġija, għalkemm hu żgħir fid-daqs, huwa mimli daqs bajda bl-oġġetti li nsibu fih għall-wiri. Fih insibu medda twila ta' żminijiet li tibda minn Żmien il-Ħaġar sa żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Nibdew il-mawra tagħna f'dan il-mużew billi nippruvaw nimxu minn kamra għal oħra kronoloġikament, jiġifieri minn żmien għal ieħor skond il-qedem. Hekk nidħlu fl-ewwel kamra li tinsab fuq ix-xellug tal-intrata (Kamra Nru 1 fuq il-pjanta).




F'din il-kamra, li wieħed għandu jibda jara mill-vetrina tax-xellug tiegħu, ninnutaw evoluzzjoni fil-ħdim tal-fuħħar preistoriku. Biex nifhmu aħjar din l-ewwel kamra, li hija mgħammra b'vetrini mimlija b'fuħħar ta' Żmien il-Ħaġar, ser nipprova nispjega x'jifhem dak li jkun meta jiltaqa' ma' espressjoni bħal "Fażi Għar Dalam" jew "Fażi Ġgantija".

Iż-żmien preistoriku huwa maqsum fi tliet żmenijiet: dak Neolitiku (neo = ġdid, lithos = ħaġra), allura Żmien il-Ħaġar ġdid (5200 sa 4100 q.K.); Żmien ir-Ram (4100 sa 2500 q.K.); u Żmien il-Bronż (2500 sa 700 q.K.) Għaliex ġew imsejħa hekk dawn iż-żmenijiet? Għas-sempliċi raġuni li f'kull żmien l-għodod kienu magħmula minn dak il-materjal. Għalhekk, fi Żmien il-Ħaġar kienu jaħdmu b'għodod tal-ġebel, bħal ngħidu aħna mrietel jew mazez tal-ġebel tal-qawwi, xfafar mill-ossidjana (impurtata) jew skriepel u rjus tal-vleġeġ miż-żniet (impurtati). Imbagħad, aktar tard ġie skopert ir-ram, u allura l-għodod bdew ikunu minn dan il-materjal, u ż-żmien beda jissejjaħ Żmien ir-Ram. Hekk ukoll Żmien il-Bronż u Żmien il-Ħadid. Irrid ngħid mill-ewwel li għalkemm it-tempji megalitiċi tagħna nbnew fi Żmien hekk imsejjaħ tar-Ram, fil-Gżejjer Maltin ma nstabux għodod magħmula mir-ram, imma f'dak iż-żmien il-bennejja preistoriċi komplew jużaw l-għodod tal-ġebel. Fil-fatt kienu ħafna l-għodod tal-ġebel li nstabu fil-fdalijiet tat-tempji megalitiċi. U għal din ir-raġuni llum l-arkeoloġi jippreferu jsejħu dan iż-żmien bl-isem ta' Żmien it-Tempji milli Żmien ir-Ram, u meta jissejjah hekk, dan isir biex wieħed ikun jista' jikkumparah ma' Żmien ir-Ram li l-kontinent Ewropew kien għaddej minnu.

Issa, kull żmien huwa maqsum f'fażijiet. Hekk Żmien il-Ħaġar huwa maqsum fi tliet fażijiet; dak ta' Żmien ir-Ram jew Żmien it-Tempji maqsum f'ħamsa; u Żmien il-Bronż maqsum fi tlieta. Kull fażi turi tip ta' fuħħar tipiku ta' dak is-sit li għalih issemmiet il-fażi, u anke ninnutaw tibdil f'dik li hi arkitettura u ħajja soċjali kif ukoll il-kult.

Ejja flimkien insegwu din il-kronoloġija tal-preistorja Maltija. Din hija bbażata fuq dati ($C^{14}$) korretti skond il-kalibrazzjoni maċ-ċrieki tas-siġra *Pinus aristata*.

| PERJODU | FAŻI | ETÀ | X'INSIBU F'GĦAWDEX |
|---|---|---|---|
| **Żmien il-Ħaġar** | Għar Dalam | 5200 - 4600 | Il-Mixta |
| *(Neolitiku)* | Skorba Griża | 4600 - 4400 | Santa Verna |
| | Skorba Ħamra | 4400 - 4100 | |
| **Żmien it-Tempji** | Żebbuġ | 4100 - 3800 | |
| *(Żmien ir-Ram)* | Mġarr | 3800 - 3600 | Santa Verna |
| | Ġgantija | 3600 - 3200 | Tempji tal-Ġgantija |
| | Saflieni | 3200 - 3000 | Iċ-Ċirku tax-Xagħra |
| | Tarxien | 3000 - 2500 | Għar ħdejn il-Ġgantija |
| **Żmien il-Bronż** | Ċimiterju Tarxien | 2500 - 1500 | *Dolmens* |
| | Borġ in-Nadur | 1500 - 700 | Nuffara |
| | Baħrija | 900 - 700 | |

Meta wieħed ikun idur u jistudja l-vetrini mimlija bil-biċċiet tal-fuħħar, fejnhom jara noti li juru fejn instabu u ta' liema fażi huma dawk il-biċċiet tal-fuħħar. Hekk nindunaw li, per eżempju, fil-fażi tal-Ġgantija fil-Gżejjer Maltin kollha kien isir kważi l-istess tip ta' fuħħar, bħal meta ngħidu li llum il-moda hija hekk u kulħadd jilbes l-istess. Peress li s-sular t'isfel huwa ddedikat lill-preistorja (minbarra l-kaxxa tat-taraġ) u l-biċċa l-kbira tal-oġġetti huma tal-fuħħar, fil-ħarġa li jmiss ser nikteb xi ħa żgħira dwar il-karatteristika ta' kull fażi.